# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Nru **301/2023 (AD)**

**Fl-atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-numru 386/2023 fl-ismijiet:**

## MALLIA PROJECTS LIMITED (C 76254) U MALLIA BROS (P 1825)

**VS**

## EMANUEL BALDACCHINO (KI 368682M); EMANUEL BALDACCHINO & CO LTD (C 44700); U L&D TURNKEY LIMITED (C 93712)

**Il-Qorti**:

1. Dan hu digriet finali dwar talba ta' L&D Turnkey Limited magħmula ai termini tal-artikoli 836(1)(b) u (f), u tal-artikolu 836(8)(d), tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 386/2023;

**Preliminari**

2. B'rikors preżentat nhar il-wieħed u għoxrin (21) ta' Marzu 2023, is-soċjeta' L&D Turnkey Limited talbet lil din il-Qorti sabiex:

   (a) Tirrevoka, tħassar u tikkanċella *in toto* il-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-numru 386/2023 ai termini tal-Artikolu 836(1)(b) u/jew (f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

   (b) Tikkundanna lis-soċjetajiet intimati-esekutanti sabiex iħallsu lis-soċjeta' L&D Turnkey Limited is-somma ta' mhux inqas minn elf, mija u erbgħa u sittin Ewro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.96) u mhux iktar minn sitt elef, disa' mija u tmienja u tmenin Ewro u tnax-il ċenteżmu (€6,988.12) bħala penali, u dan a tenur tal-Artikolu 836(8)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. B'risposta datata sittax (16) ta' Ġunju 2023, is-soċjetajiet Mallia Projects Limited u Mallia Bros opponew għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju odjern, u dan għal diversi raġunijiet, kif ser jiġi spjegat aktar 'il quddiem.

**It-Talba għal Revoka mis-Soċjeta' Sekwestrata L&D Turnkey Limited**

4. Permezz ta' rikors preżentat nhar il-wieħed u għoxrin (21) ta' Marzu 2023, is-soċjeta' sekwestrata L&D Turnkey Limited ippremettiet illi hija m'għandha l-ebda relazzjoni ġuridika mas-soċjetajiet sekwestranti dwar dak illi s-soċjetajiet sekwestranti qed ifittxu għalih. Issostni għalhekk illi m'hemm l-ebda raġuni li tiġġustifika li l-mandat *de quo* jibqa' fis-seħħ in kwantu jirrigwarda lis-soċjeta' L&D Turnkey Limited, stante illi s-soċjeta' L&D Turnkey Limited qatt ma wettqet ebda ftehim jew negozju mas-soċjetajiet sekwestranti;

5. Is-soċjeta' L&D Turnkey Limited tissottometti illi l-unika referenza li hemm għaliha fid-dokumentazzjoni huwa fil-ftehim datat tlettax (13) t'Ottubru 2022, fejn is-soċjeta' L&D Turnkey Limited intrabtet li ser tħallas il-pagi tal-ħaddiema biss, obbligu li wettqitu u ġie assunt versu Emanuel Baldacchino pro et noe. In oltre, jekk wieħed jifli l-premessi tal-kawża mressqa u l-kawżali tal-mandat in kwestjoni, wieħed isib illi dak li qegħdin ifittxu għalih is-soċjetajiet esekutanti huwa fuq ħlas żejjed li ġie affettwat mis-soċjetajiet esekutanti lil Emanuel Baldacchino pro et noe. Għaldaqstant isegwi illi m'hemmx il-ħtiġijiet skont il-liġi sabiex dan jibqa' fis-seħħ;

6. Finalment, is-soċjeta' L&D Turnkey Limited issostni illi l-mandat ta' sekwestru jinsab fis-seħħ b'mod frivolu u vessatorju fil-konfront tagħha, u għalhekk is-soċjeta' L&D Turnkey Limited hija intitolata wkoll illi titlob il-penali skont il-liġi mingħand is-soċjetajiet esekutanti;

7. Is-soċjeta' sekwestrata L&D Turnkey Limited talbet għalhekk lil din il-Qorti:

   (a) Tirrevoka, tħassar u tikkanċella *in toto* il-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-numru 386/2023 ai termini tal-Artikolu 836(1)(b) u/jew (f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

   (b) Tikkundanna lis-soċjetajiet intimati-esekutanti sabiex iħallsu lis-soċjeta' L&D Turnkey Limited is-somma ta' mhux inqas minn elf, mija u erbgħa u sittin Ewro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.96) u mhux iktar minn sitt elef, disa' mija u tmienja u tmenin Ewro u tnax-il ċenteżmu (€6,988.12) bħala penali, u dan a tenur tal-Artikolu 836(8)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Risposta għat-Talba għal Revoka mis-Soċjetajiet Sekwestranti**

8. Mill-banda l-oħra, b'risposta preżentata nhar is-sittax (16) ta' Ġunju 2023, is-soċjetajiet Mallia Projects Ltd u Mallia Bros eċċepew:

a. Illi in kwantu fir-rikors odjern is-soċjeta' L&D Turnkey Limited qed tinsisti illi hija mhix il-leġittima kontradittriċi f'dawn il-proċeduri stante illi l-kawża tressqet inutilment kontriha mis-soċjetajiet sekwestranti, is-soċjetajiet sekwestranti jsostnu illi dan huwa punt illi jiġi mistħarreġ fil-kawża fil-mertu, u mhux f'dawn it-tip ta' proċeduri, fejn l-istħarriġ isir biss fuq bażi *prima facie*;

b. Illi in oltre, is-soċjeta' L&D Turnkey Ltd qiegħda f'nifs wieħed tibbaża r-rikors tagħha fuq ir-raġuni illi *"waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju ma tkunx għadha fil-fatt teżisti",* imbagħad f'nifs ieħor tgħid illi hija qatt ma kellha x'taqsam ma' din il-kwestjoni, u qatt m'hi se jkollha x'taqsam. Din id-dispożizzjoni tal-liġi tesiġi illi l-ħtieġa għall-mandat kienet teżisti qabel il-ħruġ tal-mandat, iżda mbagħad naqset milli tkompli teżisti wara l-mandat;

c. Finalment, f'dak illi jirrigwarda d-disposizzjoni tal-liġi fl-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, fir-rikors ta' L&D Turnkey Limited ma ntweriet l-ebda bidla fiċ-ċirkostanzi, u għaldaqstant lanqas din id-disposizzjoni m'hi applikabbli f'dan il-każ;

9. Għaldaqstant, is-soċjeta' sekwestranti kkonkludiet illi t-talba tas-sekwestrata L&D Turnkey Limited għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħha .

**Il-Qorti**

10. Wara illi rat l-atti preżentati mill-partijiet;

11. Reġgħet rat id-digriet tagħha stess tat-tmienja u għoxrin (28) ta' Marzu 2023, illi fih ordnat in-notifika tar-rikors odjern lis-soċjetajiet sekwestranti b'ħamest (5) ijiem żmien għar-risposta, u ddikjarat illi kienet

konsegwentement sejra tgħaddi sabiex tipprovdi kameralment fuq il-mertu tar-rikors;

12. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet dwar ir-Revoka tal-Mandat *In Vigore***

**(A) Artikolu 836(1)(b) tal-Kap 12**

13. L-art 836(1)(b) tal-Kap 12 jistabbilixxi illi att kawtelatorju jista' jiġi revokat fil-każ illi, *"waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju ma tkunx għadha fil-fatt teżisti"*. Huwa formulat għalhekk dan il-provvediment tal-liġi minn żewġ elementi: (a) il-fatt illi l-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju jkunu jissussistu meta t-talba għall-ħruġ tal-mandat effettivament tintlaqa', u (b) bidla fiċ-ċirkostanzi minn meta tkun intlaqgħet it-talba għall-ħruġ tal-att kawtelatorju sa meta ssir it-talba għar-revoka, b'dana illi waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju ma tkunx għadha teżisti;

14. Ġie ritenut fid-digriet fl-ismijiet ***Av Peter Caruana Galizia et vs Jorgen Fenech et***[1], b'referenza għal dak illi ntqal fid-digriet fl-ismijiet ***Mangion Galea vs Stewart***:

> *Il-ħtiġijiet li l-liġi proċedurali titlob sabiex persuna tista' toħroġ Mandat kawtelatorju huma li (a) jkollha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinħareġ il-mandat; (b) li ssir kawża li fiha tiġi mistħarrġa sewwa sew dik il-pretensjoni ta' dritt; (c) li l-Mandat irid ikun iħares ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi dwar il-ħruġ tiegħu u (d) li tali Mandat jinħareġ u jiġi esegwit taħt ir-responsabbilita' tal-persuna li tkun talbitu.*

[1] Rik Nru 985/2020 fl-atti tal-Mandat Nru 1397/2020, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 11 ta' Frar 2021, Onor Imħ Anna Felice

*[...]*

*Fi kliem dik id-disposizzjoni, ir-raġuni li għaliha mandat kawtelatorju jitneħħa, kollu jew f'biċċa minnu, biss jekk ikun hemm xi bdil fiċ-ċirkostanzi bejn il-waqt li jkun inħareġ il-Mandat u ż-żmien meta ssir it-talba għat-tħassir tiegħu. Fi kliem ieħor, din il-Qorti tifhem li l-kawżali maħsuba fil-paragrafu (b) tal-artikolu 836(1) trid li l-mandat ikun inħareġ sewwa u, f'xi waqt, tkun intemmet xi waħda mill-kundizzjonijiet li l-liġi trid biex dak il-Mandat jibqa' fis-seħħ.*

15. In oltre, imbagħad, ġie ritenut fid-digriet fl-ismijiet ***Dr Henri Mizzi noe vs Jebmed SRL***[2]:

*Din id-disposizzjoni, skont il-kliem użat fiha, ġiet imfissra bħala riferenza għal xi waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju li kienet teżisti fil-waqt tal-ħruġ tal-istess att iżda li, wara l-ħruġ tal-istess mandat, ma baqgħetx teżisti iżjed. Għalhekk, jekk wieħed irid jimxi ma' tali tifsira, wieħed irid juri li l-ħtieġa għall-ħruġ tal-mandat trid tkun naqset wara li nħareġ l-att;*

Dak illi jrid jiġi eżaminat minn din il-Qorti, għalhekk, huwa jekk il-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru odjern baqgħux jeżistu saħansitra anke wara l-ħruġ tal-istess mandat, jew kienx hemm xi bidla fiċ-ċirkostanzi b'dana illi xi waħda mill-ħtiġijiet sfat nieqsa;

16. Is-soċjeta' sekwestrata L&D Turnkey Limited qed issostni illi l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ma seta qatt jinħareġ fil-konfront tagħha, stante illi m'hemm l-ebda relazzjoni ġuridika mas-soċjetajiet sekwestranti dwar dak illi s-sekwestranti qed ifittxu għalih;

[2] Mandat Nru 964/2019, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 12 ta' Settembru 2019, Onor Imħ Joseph R Micallef

17. Fl-ewwel lok, din il-Qorti tirrileva illi hija taqbel kompletament ma' dak sostnut mis-soċjetajiet sekwestranti fir-risposta tagħhom, u cioe illi l-indaġini dwar jekk effettivament kienx hemm relazzjoni ġuridika bejn is-soċjeta' L&D Turnkey Limited u s-soċjetajiet sekwestranti hija indaġini illi ssir fil-kawża fil-mertu, wara illi jkunu ġew prodotti l-provi kollha relattivi in sostenn tal-argumenti tal-partijiet kollha, u mhux permezz ta' rikors b'talba għal revoka tal-mandat kawtelatorju;

18. Fit-tieni lok, mingħajr preġudizzju għall-premess, is-soċjeta' L&D Turnkey Limited mhux talli ma ġabitx prova illi waħda mill-ħtiġijiet rikjesti għall-ħruġ tal-mandat kawtelatorju odjern kienet teżisti fil-mument illi fih intlaqgħet it-talba għall-ħruġ tal-mandat, u sussegwentement ġiet nieqsa wara li nħareġ l-att, iżda talli qed issostni illi l-mandat kawtelatorju ma seta qatt jinħareġ fil-konfront tagħha *in the first place.* Hija għalhekk saħansitra s-soċjeta' L&D Turnkey Limited stess illi qed tallega illi ma kien hemm qatt bidla fiċ-ċirkostanzi, għaliex, fil-fehma tagħha, meta ntlaqgħet it-talba għall-ħruġ tal-mandat kawtelatorju, is-soċjetajiet sekwestranti ma kellhom l-ebda pretensjoni ta' dritt kontra s-soċjeta' L&D Turnkey Limited, b'dana għalhekk illi kien nieqes wieħed mill-ħtiġijiet li titlob il-liġi proċedurali sabiex tintlaqa' talba għall-ħruġ tal-mandat odjern. Din il-Qorti għalhekk tikkonsidra illi t-talba magħmula mis-soċjeta' L&D Turnkey Limited, in kwantu hija bbażata fuq ir-raġuni għal revoka kontemplata fl-Artikolu 836(1)(b) tal-Kap 12, hija minnha nnifisha kunfliġġenti u kontradittorja mal-allegazzjonijiet u s-sottomissjonijiet tagħha stess, b'dana illi huwa ċar illi tali talba ma tistax tirnexxi fit-termini tal-Artikolu 836(1)(b) tal-Kap 12;

19. Għaldaqstant, il-Qorti tiddikjara illi **ma ġiex sodisfaċentement pruvat illi tissussisti raġuni għar-revoka tal-mandat odjern ai termini tal-Artikolu 836(1)(b) tal-Kap 12**.

**(B) L-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12**

20. Ai termini tal-Artikolu 836(1)(f), mandat kawtelatorju jista' jiġi revokat, *"jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli"*;

21. Hekk kif tajjeb jissenjalaw is-sekwestranti, taħt l-Artikolu 836(1)(f), bħal fil-każ tal-Artikolu 836(1)(b), jeħtieġ illi tissussisti bidla fiċ-ċirkostanzi illi tirrendi l-att kawtelatorju jew parti minnu superfluwu u inġustifikabbli. Hekk ingħad, *inter alia*, fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Andrew Corrieri vs Manti Salvatore noe***[3]:

> *Dwar jekk il-mandat għandux jitħassar fiċ-ċirkostanzi għaliex allegatament mhuwiex raġonevoli jew ġustifikat li jinżamm fis-seħħ, din il-Qorti diversament presjeduta fil-proċediment fl-ismijiet* ***Spiteri vs Darmanin*** *tat tifsira korretta u preċiża tal-artikolu 836(1)(f) fil-provvediment li tat fil-25 ta' Awwissu 2010:*
>
> > *"Illi jingħad ukoll li d-disposizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li, wara l-ħruġ tal-mandat, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ (ara P.A. GC 3.8.2001 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet "Dr Tonio Fenech noe vs Dr Patrick Spiteri et noe et").*
>
> *Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ."*

[3] Rikors Numru 439/2021 fl-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 231/2021, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 15 ta' Settembru 2021, Onor Imħ Anna Felice

*Finalment, fil-provvediment illi tat din il-Qorti diversament presjeduta fl-10 ta' Awwissu 2012 fl-ismijiet* ***Jamar Malta Limited vs Office Group Limited****, saru dawn ir-rilievi:*

> *"Is-suċċess jew telfien ta' kwestjoni fil-mertu ma tista qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nħareġ b'mod vessatorju jew fieragħ. Allura, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kwestjoni ta' jekk huwiex raġonevoli li Mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ jew jekk huwiex meħtieġ jew ġustifikabbli li tali Mandat jinżamm fis-seħħ ma tiddependi xejn mill-eventwali ċaħda tal-kawżali fil-mertu tat-talbiet eżekutanti. Illi jingħad ukoll li d-disposizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li, wara l-ħruġ tal-Mandat, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija disposizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ. (ara wkoll – PA. JSP. 10 ta' Jannar 1992. "Spiteri vs Camilleri"; PA. RCP. 30 ta' Mejju 2002. "Yorkie Clothing Industry Limited vs Calleja Cremona"; u PA. GC. 3 ta' Awwissu 2001. "Fenech noe vs Spiteri noe et.")."*

*Fl-isfond ta dan l-insenjament huwa evidenti li dak meħtieġ li jiġi ppruvat għall-fini ta' din id-disposizzjoni huwa bdil fiċ-ċirkostanzi li jirrendu l-mandat mhux aktar raġonevoli jew*

*ġustifikabbli, liema bdil fiċ-ċirkostanzi jrid jintwera li avveraw ruħhom wara d-data tal-ħruġ tal-mandat.*[4]

22. Huwa evidenti għalhekk anke mill-prinċipji legali esposti f'ġurisprudenza nostrana illi jekk it-talba rikorrenti hija bbażata fuq il-fatt illi l-kawżali fil-mertu ma jistgħux jirnexxu fil-konfront tas-soċjeta' sekwestrata L&D Turnkey Limited stante illi ma kellhom l-ebda relazzjoni ġuridika flimkien, iż-żamma fis-seħħ *o meno* tal-mandat odjern ma tiddependix fuq din l-allegazzjoni. Minn dan isegwi għalhekk illi r-raġuni proposta mis-soċjeta' L&D Turnkey Limited ma tikkostitwixxix raġuni valida illi għaliha jista' jiġi revokat il-mandat kawtelatorju odjern;

23. Dan, naturalment, mingħajr preġudizzju għall-fatt illi, hekk kif ġia ġie spjegat fil-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti fir-rigwarda tal-Artikolu 836(1)(b), ma nġabet l-ebda prova illi tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha mhux xieraq illi l-istess mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ; <u>anzi</u> hija s-soċjeta' L&D Turnkey Limited stess illi qed issostni illi l-mandat mhux talli m'għandux jibqa' fis-seħħ għaliex m'għadux meħtieġ jew ġustifikat, iżda talli targumenta illi l-mandat ma kellu qatt jidħol fis-seħħ fil-konfront tagħha;

24. Għaldaqstant, il-Qorti tiddikjara illi <u>**ma ġiex sodisfaċentement pruvat illi tissussisti raġuni għar-revoka tal-mandat odjern ai termini tal-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12**</u>.

**Konsiderazzjonijiet dwar it-Talba magħmula ai termini tal-Artikolu 836(8)(d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**

25. F'dak illi jirrigwarda t-talba tas-soċjeta' L&D Turnkey Limited sabiex is-soċjeta' sekwestrata tiġi kkundannata tħallas penali jekk jinsab illi t-talba tas-soċjetajiet sekwestranti kienet waħda illi saret b'malizja, jew kienet

[4] Ara wkoll: ***Lombard Bank plc vs Dr Melvyn Mifsud et***, Rik Nru 302/2015, Onor Imħ Lorraine Schembri Orland, 30 t'April 2015 u ***George Cassar pro et noe et vs Emanuel Falzon et***, Rik Nru 741/2015, Onor Imħ Lorraine Schembri Orland, 22 t'Ottubru 2015

frivola jew vessatorja, fit-termini tal-Artikolu 836(8)(d), din il-Qorti tirrileva illi s-soċjeta' L&D Turnkey Limited ma ġabet l-ebda prova illi l-mandat kawtelatorju nħareġ in sewgitu għal talba illi saret b'malizja, frivola jew vessatorja. Din il-Qorti sejra għalhekk tgħaddi sabiex tiċħad ukoll din it-talba.

**Decide**

26. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi **<u>tiċħad</u>** it-talbiet imressqa mis-soċjeta' L&D Turnkey Limited permezz tar-rikors datat wieħed u għoxrin (21) ta' Marzu 2023.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri kontra s-sekwestrata L&D Turnkey Limited.

**Digriet kamerali mogħti llum, it-Tnejn, sitta u għoxrin (26) ta' Ġunju 2023.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Karen Bonello**
**Deputat Reġistratur**